



12.7.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 1119/2008, imressqa minn John Ashford, ta' nazjonalità Brittanika, dwar l-inkompatibilità tal-liġi Portugiża dwar l-insolvenza mar-regoli tal-UE dwar il-kummerċ**

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jirreferi għal-liġi Portugiża dwar l-insolvenza, skont liema l-amministratur tal-insolvenza jista' jannulla kuntratti magħmula sa żmien sentejn qabel proċeduri ta' insolvenza. Il-petizzjonant jinnotta li din is-sitwazzjoni toħloq diffikultajiet partikolari fir-rigward ta' tranżazzjonijiet transkonfinali ta' investituri barranin u, minħabba li jemmen li l-liġi Portugiża hija inkompatibbli mar-regoli tal-UE dwar il-kummerċ, jitlob lill-Parlament Ewropew biex jieħu f'idejh din il-kwistjoni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-26 ta' Jannar 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fil-25 ta' Settembru 2009.

"Il-petizzjonant jirreferi għal-liġi Portugiża dwar l-insolvenza, skont liema l-amministratur tal-insolvenza jista' jannulla kuntratti magħmula sa sentejn qabel il-proċeduri ta' insolvenza.

F'każ bħal dan il-Kummissjoni ma tistax tiegħu azzjoni. Skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea m'għandha l-ebda poter biex tintervjeni f'każijiet li m'għandhom l-ebda rabta mal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

Fuq bażi tal-informazzjoni li ta l-petizzjonant, ġie stabbilit li l-każ jikkonċerna d-dritt

sostantiv nazzjonali."

4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-12 ta' Lulju 2010.

Il-petizzjonant jilmenta li r-risposta preċedenti tal-Kummissjoni ma indikatx fuq liema bażi m'hemmx rabta mad-dritt Ewropew, filwaqt li mhuwiex ekwitabbli li wieħed joqgħod fuq id-dritt sostantiv Portugiż fl-applikazzjoni ta' insolvenza.

Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, il-Kummissjoni m'għandhiex setgħat ġenerali biex tintervjeni f'każijiet individwali relatati ma' problemi ta' amministrazzjoni ġenerali tal-ġustizzja, l-inefficijenza tas-sistema ġudizzjarja u kwistjonijiet partikolari bħal dawk deskritti fil-petizzjoni, ħlief jekk ikun hemm ksur tad-dritt Ewropew.

Skont l-istat attwali tad-dritt tal-UE, m'hemm l-ebda regoli Ewropej li jirregolaw ir-rekwiżiti legali li jirrelataw ma' klawnsola ta' restituzzjoni jew l-użu ta' xhieda f' proċedimenti ta' insolvenza. Kwistjonijiet bħal dawn huma sostantivi, u l-aspetti proċedurali tal-proċedimenti ta' insolvenza għadhom kompetenza tal-Istati Membri. Għalhekk, huma rregolati skont id-dritt nazzjonali.

Jeżisti Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment li jipprovdi regoli tad-dritt internazzjonali privat għal proċedimenti transkonfinali ta' insolvenza. Ir-Regolament jistabbilixxi skemi komuni għall-interazzjoni ta' sistemi differenti ta' insolvenza. Skont l-Artikolu 39 tiegħu, kull kreditur li jkollu r-residenza abitwali tiegħu fl-UE, għandu jkollu d-dritt li jippreżenta t-talbiet tiegħu f'kull wieħed mill-proċedimenti ta' insolvenza pendent fl-UE relatati mal-assi tad-debitur. Madankollu, id-dritt nazzjonali għandu japplika għall-proċedimenti, jiġifieri d-dritt tal-insolvenza tal-Istat fejn jinfetħu l-proċedimenti jew id-dritt tal-Istat fejn tkun irreġistrata l-proprjetà immobbli. Bis-saħħa tal-Artikolu 4, id-dritt tal-Istat tal-ftuħ għandu jiddetermina b'mod partikolari r-regoli li jirregolaw il-preżentazzjoni, il-verifika u l-ammissjoni tat-talbiet, il-klassifikazzjoni tat-talbiet u d-drittijiet tal-kredituri, l-invalidità tal-atti legali.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-petizzjonant, mhuwiex għaldaqstant possibbli li jiġi stabbilit ksur possibbli tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000.

Barra minn hekk, mhuwiex ċar kif l-Artikolu 63 tat-Trattat FUE (ex Artikolu 56 tat-Trattat KE), li jipprojbixxi kwalunkwe restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-kapital, japplika f'dan il-każ. Tabilħaqq, m'hemm l-ebda liġi tal-UE rigward ix-xiri ta' proprjetà privata li mhijiex it-time-share (Direttiva 94/47/KE). Kwistjonijiet ta' proprjetà immobbli għandhom jitqiesu skont il-liġi nazzjonali rilevanti. L-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali jistgħu jikkunsidraw il-każijiet individwali.

Barra minn hekk, jekk il-petizzjonant qed ifittex rimedju skont il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, għandu jikkuntattja lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem direttament. Jista', madankollu, iressaq azzjoni quddiem dik il-Qorti biss wara li jkun eżawrixxa r-rimedji domestiċi kollha disponibbli fil-pajjiż li jkollu ġurisdizzjoni, u fi żmien sitt xhur minn meta d-deċiżjoni domestika tkun saret definittiva.

Fin-nuqqas ta' ksur tad-dritt tal-UE, il-Kummissjoni m'għandha l-ebda setgħa li tiegħu azzjoni f'dan il-każ.